Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fil-31 ta' Jannar 2018[1 i]

**Kawża C-39/17**

**Lubrizol France SAS**
**vs**
**Caisse nationale du Régime social des indépendants (RSI) participations extérieures**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-merkanzija – Artikolu 28 u 30 TFUE – Taxxa li għandha effett ekwivalenti – Artikolu 110 TFUE – Taxxa interna – Kontribuzzjoni soċjali ta' solidarjetà tal-kumpanniji u kontribuzzjoni addizzjonali – Taxxa li għandha bħala ammont taxxabbli d-dħul mill-bejgħ globali annwali tal-kumpannija – Inklużjoni fid-dħul mill-bejgħ tal-valur tal-oġġetti ttrasferiti lejn Stat Membru ieħor"

1. Din id-domanda preliminari tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi kjarifiki fir-rigward ta' żewġ kontribuzzjonijiet soċjali stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Franċiża, jiġifieri l-kontribuzzjoni soċjali ta' solidarjetà (iktar 'il quddiem iċ-"C3S"), li l-istabbiliment tagħha jmur lura għall-bidu tas-snin sebgħin, u l-kontribuzzjoni addizzjonali, maħluqa mil-leġiżlatur nazzjonali fl-2004. L-ammont taxxabbli ta' dawn il-kontribuzzjonijiet huwa rrappreżentat mid-dħul mill-bejgħ globali annwali tal-kumpanniji u l-impriżi li huma suġġetti għalihom.

2. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja trid tiddeċiedi għall-finijiet ta' kompatibbiltà mal-projbizzjoni ta' taxxi li għandhom effett ekwivalenti għal dazji doganali ta' ġurisprudenza reċenti tal-qorti tar-rinviju jekk il-valur nominali tal-merkanzija ttrasferita minn impriża, li għandha titlaq minn Franza, lejn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jidħolx fl-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali, anki jekk dan it-trasferiment minnu nnifsu ma jiġġenerax dħul mill-bejgħ.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

3. L-Artikolu 28(1) TFUE jipprevedi li "[l]-Unjoni tinkludi unjoni doganali li tkopri n-negozju kollu tal-merkanzija u tikkomprendi kemm l-abolizzjoni, bejn l-Istati Membri ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni u kull piż b' effett ekwivalenti, kif ukoll l-adozzjoni ta' tariffa doganali komuni fir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi". L-Artikolu 30 TFUE jipprevedi li "[i]d-Dazji tad-dwana fuq importazzjonijiet u esportazzjonijiet u piżijiet li jkollhom effett ekwivalenti għandhom ikunu pprojbiti bejn l-Istati Membri. Din il-projbizzjoni għandha tapplika wkoll għal dazji doganali ta' natura fiskali".

1 Lingwa oriġinali: it-Taljan.

MT

4. L-Artikolu 110(1) TFUE, jipprevedi li "[e]bda Stat Membru ma għandu japplika, direttament jew indirettament, fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra taxxi interni, ta' kull deskrizzjoni, ogħla minn dawk applikati direttament jew indirettament fuq prodotti simili nazzjonali".

5. Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT")[2] tipprovdi, fl-Artikolu 14(1) tagħha, li, "'provvista ta' merkanzija [kunsinna ta' oġġetti]' għandha tfisser it-trasferiment tad-dritt ta' sid li jiddisponi minn proprjetà tanġibbli".

6. L-Artikolu 17 tal-istess direttiva jistabbilixxi "It-trasferiment ta' merkanzija li tkun saret minn persuna taxxabbli li tifforma parti mill-assi tan-negozju tagħha għal Stat Membru ieħor għandha tiġi trattata bħala provvista ta' merkanzija [kunsinna ta' oġġetti] bi ħlas" u b'mod kuntestwali jiddefinixxi t-"trasferiment għal Stat Membru ieħor" bħala "proprjetà tanġibbli mibgħuta jew ittrasportata minn jew għan-nom tal-persuna taxxabbli, għall-iskop tan-negozju tagħha, għal destinazzjoni barra mit-territorju ta' l-Istat Membru li fih tinsab il-proprjetà, iżda fil-Komunità".

7. B'riferiment għall-kunsinni ta' oġġetti li jikkonsistu fit-trasferiment lejn Stat Membru ieħor, l-Artikolu 76 tad-Direttiva dwar il-VAT jistabbilixxi li "l-ammont taxxabbli għandu jkun il-prezz tax-xiri tal-merkanzija jew ta' merkanzija simili jew, fin-nuqqas ta' prezz tax-xiri, il-prezz kemm sewa, stabbilit fiż-żmien li fih isir it-trasferiment".

### *B. Dritt u ġurisprudenza nazzjonali*

8. L-Artikolu L651-1 tal-code de la sécurité sociale (il-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali") jipprevedi l-istabbiliment favur ir-Régime sociale des Indépendants (ir-Reġim Soċjali tal-Ħaddiema li Jaħdmu għal Rashom, iktar 'il quddiem ir-"RSI"), tal-Fonds de solidarité vieillesse (il-Fond ta' Solidarjetà għall-Irtirar) u tal-Fonds de réserve pour les retraites (il-Fond ta' Riżerva għall-Pensjonijiet), ta' kontribuzzjoni soċjali ta' solidarjetà imposta, fost l-oħrajn, fuq il-kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u kumpanniji ssemplifikati ta' responsabbiltà limitata (société par actions simplifiée). Iċ-C3S hija dovuta fuq bażi annwali u r-rata tagħha hija stabbilita sa massimu ta' 0.13 % tad-dħul mill-bejgħ.

9. Hija prevista wkoll kontribuzzjoni addizzjonali imposta fuq l-istess kumpanniji għall-benefiċċju tal-Caisse nationale de l'assurance maladie des travailleurs salariés (il-Fond Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tal-Mard tal-Ħaddiema Impjegati) tal-Artikolu L245-13 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali. Din il-kontribuzzjoni addizzjonali hija kkalkolata, miġbura, dovuta u kkontrollata taħt l-istess kundizzjonijiet applikabbli taċ-C3S u r-rata tagħha hija ta' 0.03 % tad-dħul mill-bejgħ.

10. Skont l-Artikolu L651-5 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali, il-kumpanniji u l-impriżi suġġetti għaċ-C3S għandhom jindikaw annwalment lill-korp inkarigat mill-ġbir, jiġifieri l-Caisse nationale du RSI (il-Fond Nazzjonali tar-RSI (iktar 'il quddiem iċ-"CNRSI"), "l-ammont tad-dħul mill-bejgħ globali tagħhom iddikjarat lill-amministrazzjoni fiskali, maħdum wara li jitnaqqsu t-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ u taxxi oħra simili."

11. Il-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) sostniet fis-sentenza Organic vs Cofiroute[3] li dan l-ammont huwa dak stabbilit fid-dikjarazzjoni ta' kull xahar jew ta' kull tliet xhur Nru 3310 CA3 dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud u dwar taxxi simili (iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjoni tal-VAT").

2 ĠU 2006, L 347, p. 1.

3 Ara s-sentenza tal-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), Soc., tad-29 ta' Ġunju 1995, Nru 92-22.025, Organic vs Cofiroute

12. Għalhekk, dan l-ammont huwa kkalkolat billi jingħaddu flimkien l-ammonti stabbiliti fl-intestatura Nru 1 (Bejgħ, provvisti ta' servizzi), Nru 4 (Esportazzjonijiet barra mill-Komunità Ewropea), Nru 5 (Tranżazzjonijiet oħra mhux taxxabbli) u Nru 6 (Kunsinni intra-Komunitarji), kif ukoll l-ammonti stabbiliti fl-intestatura Nru 2 (Tranżazzjonijiet oħra taxxabbli) fejn dawn tal-aħħar jirreferu għal tranżazzjonijiet li jiġġeneraw dħul mill-bejgħ.

13. Fir-rigward tal-kunsinni intra-Komunitarji, il-paragrafu III tal-Artikolu 256 tal-code général des impôts (il-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi, iktar 'il quddiem, il-"Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi"), li jimplementa l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-VAT, jipparaguna t-trasferiment li jkun sar minn persuna taxxabbli ta' oġġett li jifforma parti mill-assi tan-negozju tagħha għal Stat Membru ieħor ma' kunsinna ta' oġġetti.

14. Għalhekk, il-valur nominali tal-oġġett ittrasferit (il-prezz tax-xiri jew, fin-nuqqas ta' dan, il-prezz tal-ispiża) jikkontribwixxi biex jifforma l-ammont globali indikat fl-intestatura Nru 6 (Kunsinni intra-Komunitarji) tad-dikjarazzjoni tal-VAT, u b'hekk jidħol fl-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali, kif stabbilit f'diversi okkażjonijiet mill-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) [4].

## II. Il-fatti, il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

15. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-qorti tar-rinviju għandha tinqara fil-kuntest ta' kontenzjuż bejn il-kumpannija Lubrizol France SAS (iktar 'il quddiem "Lubrizol") u ċ-CNRSI fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali.

16. Lubrizol, sussidjarja prinċipali barranija tal-grupp *The Lubrizol Corporation*, hija impriża fis-settur kimiku li tipproduċi u tbigħ addittivi għal lubrifikanti.

17. Fil-kapaċità tagħha bħala kumpannija ssemplifikata ta' responsabbiltà limitata (*société par action simplifiée* tad-dritt Franċiż), hija legalment obbligata li tħallas iċ-C3S, f'konformità mal-Artikoli L 651-1 *et seq* tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali, kif ukoll tal-kontribuzzjoni addizzjonali, bis-saħħa ta' dak li hemm previst mill-Artikolu L 245-13 tal-istess kodiċi.

18. Wara li ġie vverifikat l-ammont taxxabbli li għandu jitħallas minn Lubrizol għaċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali għas-sena 2008, iċ-CNRSI ikkonstata diverġenza bejn id-dħul mill-bejgħ iddikjarat fis-sena 2007 (EUR 573 152 820) u d-dħul mill-bejgħ irrapportat mill-amministrazzjoni fiskali (EUR 642 045 281). Din id-diverġenza nħolqot minħabba l-fatt li Lubrizol ma kinitx inkludiet l-ammont tat-trasferimenti intra-Komunitarji tagħha fl-intestatura Nru 6 (Kunsinni intra-Komunitarji) tad-dikjarazzjoni tal-VAT.

19. Fid-dawl ta' dan, iċ-CNRSI nnotifika lill-kumpannija b'korrezzjoni, segwita minn intimazzjoni li ntbagħtet fit-13 ta' Marzu 2012.

4 Ara s-sentenza tal-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), 2ème Civ, tal-11 ta' Frar 2016, Nru 14-26-363, Sté Schaeffler France vs Caisse nationale du RSI, u tal-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), 2ème Civ, tas-7 ta' Novembru 2013, Nru 12-25-776, Ste Soitec vs Caisse nationale du RSI.

20. Lubrizol ikkontestat il-fatt li għandha tħallas is-somom mitluba quddiem it-Tribunal des Affaires de Sécurité Sociale de Rouen (il-Qorti għal Kwistjonijiet Marbuta mas-Sigurtà Soċjali ta' Rouen, Franza), bl-argument li ċ-CNRSI kien inkluda b'mod żbaljat fl-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali l-valur tal-merkanzija ttrasferita lejn Stati Membri oħra tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, Lubrizol irrimarkat li t-trasferimenti inkwistjoni ma kinux jinkludu bejgħ u għalhekk ma setgħux jiġġeneraw dħul mill-bejgħ, u konsegwentement ma setgħux jagħmlu parti mill-ammont taxxabbli tal-kontribuzzjonijiet inkwistjoni.

21. Permezz ta' sentenza tas-6 ta' Mejju 2014, il-Qorti ta' Rouen ċaħdet ir-rikors ta' Lubrizol abbażi tal-osservazzjoni li d-dħul mill-bejgħ ta' impriża ma jiddependix minn kunsiderazzjonijiet ta' natura kontabbli jew fiskali, iżda iktar mill-ammont li huwa effettivament iddikjarat lill-amministrazzjoni fiskali tal-impriża nnifisha. Dan l-ammont kellu b'mod obbligatorju jinkludi t-trasferimenti intra-Komunitarji tal-oġġetti peress li, konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tal-VAT, dawn kienu pparagunati ma' kunsinni intra-Komunitarji ta' oġġetti. Il-qorti sostniet ukoll li r-regoli li jirrigwardaw il-formazzjoni tal-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali ma kinux jintegraw ksur tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija fl-Unjoni peress li dawn il-kontribuzzjonijiet kienu jolqtu l-attività ekonomika globali tal-impriżi u mhux il-prodotti bħala tali.

22. Din is-sentenza ġiet sussegwentement ikkonfermata mill-Cour d'appel de Rouen, chambre de l'urgence et de la sécurité sociale (il-Qorti tal-Appell ta' Rouen, l-Awla tal-Affarijiet Urġenti u tas-Sigurtà Soċjali, Franza) fil-15 ta' Settembru 2015. B'mod partikolari, il-Cour d'appel (il-Qorti tal-Appell) ma laqgħetx il-motiv marbut mal-allegat ksur tal-prinċipju ta' moviment liberu tal-merkanzija, minħabba li l-kontribuzzjonijiet inkwistjoni kellhom, minn naħa, "in-natura ta' kontribuzzjoni soċjali" u, min-naħa l-oħra, ma kinux jolqtu l-prodotti nfushom iżda kienu imposti fuq l-impriżi abbażi tad-dħul mill-bejgħ globali tagħhom.

23. Kontra s-sentenza tal-Cour d'appel de Rouen (il-Qorti tal-Appell ta' Rouen), Lubrizol ippreżentat rikors ta' kassazzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju billi sostniet li l-kontribuzzjonijiet kontenzjużi għandhom jiġu kkwalifikati bħala taxxi li għandhom effett ekwivalenti skont l-Artikolu 30 TFUE, peress li t-trasferimenti tal-merkanzija li ma jiġġenerawx dħul mill-bejgħ huma inklużi fl-ammont taxxabbli tal-istess kontribuzzjonijiet biss jekk isiru lejn Stat Membru ieħor, filwaqt li ma jittiħdux inkunsiderazzjoni jekk isiru f'territorju nazzjonali jew lejn pajjiż terz.

24. Il-qorti tar-rinviju tfakkar li fil-passat tat deċiżjonijiet f'diversi każijiet li ppreżentaw kwadru fattwali simili għal dan inkwistjoni fis-sens li l-valur nominali tal-merkanzija ttrasferita minn impriża minn Franza lejn Stat Membru ieħor tal-Unjoni jidħol fl-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni inkwistjoni anki meta tali trasferiment minnu nnifsu ma jiġġenerax dħul mill-bejgħ [5]. Jekk wieħed jikkunsidra li din il-kwistjoni tirrigwarda l-kontribuzzjonijiet li reċentement saru permanenti, il-qorti tar-rinviju tqis li huwa xieraq li tiġi vverifikata l-kompatibbiltà mal-preskrizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fid-dawl tal-ilmenti ppreżentati fl-appell minn Lubrizol.

25. Għal din ir-raġuni l-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikoli 28 u 30 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprekludu li l-valur ta' oġġetti ttrasferiti minn Franza lejn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, minn jew f'isem persuna suġġetta għall-kontribuzzjoni soċjali ta' solidarjetà tal-kumpanniji u għall-kontribuzzjoni addizzjonali għaliha, għall-ħtiġijiet tal-impriża tagħha, jittieħed inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tad-dħul mill-bejgħ globali li jikkostitwixxi l-bażi għall-kalkolu ta' dawn il-kontribuzzjonijiet?"

5 Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26. Fuq din il-kwistjoni, ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub il-kumpannija Lubrizol France, iċ-CNRSI, il-Gvern Franċiż, il-Gvern Olandiż u l-Kummissjoni Ewropea.

27. Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2017, ippreżentaw osservazzjonijiet orali Lubrizol France, il-Gvern Franċiż, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea.

## III. Analiżi ġuridika

28. Fl-opinjoni tiegħi, ir-risposta għad-domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju hija marbuta ma' delimitazzjoni korretta tas-suġġett ta' din id-domanda. Fuq dan il-punt, li fl-opinjoni tiegħi huwa ta' importanza kbira, l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-partijiet ikkonċernati jwasslu għal konklużjonijiet opposti. Għalhekk inqis li l-analiżi ġuridika għandha tkompli tibni fuq ċerti kunsiderazzjonijiet ta' natura preliminari bl-għan li jiċċaraw is-suġġett tal-interpretazzjoni mitluba lill-Qorti tal-Ġustizzja.

29. Dawn il-kunsiderazzjonijiet ser iwassluni sabiex neskludi li dan is-suġġett huwa fil-verità l-verifika tal-kompatibbiltà mal-Artikoli 28 u 30 TFUE tal-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali fit-totalità tiegħu. Għall-kuntrarju, kif jidher mill-kontenut letterali stess tad-digriet tar-rinviju, huwa fil-fatt l-element il-ġdid irrappreżentat mill-inklużjoni tal-valur nominali tat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti fl-imsemmi ammont taxxabbli li wassal lill-qorti tar-rinviju tikkunsidra li tagħmel din id-domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja (*sub* A).

30. Abbażi ta' din l-aħħar suppożizzjoni, fl-analiżi tal-mertu, ser nuri kif qabel kollox il-kontribuzzjonijiet inkwistjoni jridu jitqiesu bħala impożizzjoni fuq il-moviment tal-merkanzija sa fejn jolqtu t-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti, u jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 28 u 30 TFUE. Wara dan, ser neżamina jekk l-inklużjoni tat-trasferimenti intra-Komunitarji fl-ammont taxxabbli ta' dawn il-kontribuzzjonijiet tiksirx il-projbizzjoni tat-taxxi li għandhom effett ekwivalenti għal dazji doganali stabbilita mill-istess dispożizzjonijiet tat-Trattat, biex nasal għal konklużjoni affermattiva (*sub* B).

31. Sussidjarjament, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra li s-suġġett tad-domanda preliminari kkonċernata huwa, għall-kuntrarju tal-fehma tiegħi, l-ammont taxxabbli tal-kontribuzzjonijiet kontenzjużi fit-totalità tagħhom, ser nosserva kif f'dan il-każ partikolari dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu kkwalifikati bħala "taxxi interni" skont l-Artikolu 110 TFUE. Konformement ma' din il-premessa, ser nikkonkludi li ċ-CS3 u l-kontribuzzjoni addizzjonali, fil-konfigurazzjoni attwali tagħhom, ma jiksrux l-imsemmija dispożizzjoni. Għall-kuntrarju, il-kontribuzzjonijiet jistgħu f'żewġ każijiet speċifiċi jaqgħu xorta waħda taħt il-projbizzjoni ta' taxxi li għandhom effett ekwivalenti (*sub* C). Il-verifika tal-eżistenza effettiva ta' dawn il-każijiet hija r-responsabbiltà tal-qorti tar-rinviju.

### *A. Fuq is-suġġett tad-domanda preliminari*

32. Skont id-digriet tar-rinviju, dak li tiegħu l-qorti tar-rinviju qiegħda titlob li tivverifika l-kompatibbiltà mal-Artikoli 28 u 30 TFUE hija l-inklużjoni fl-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali, jiġifieri fid-dħul mill-bejgħ globali annwali tal-persuni responsabbli għall-pagament ta' dawn il-kontribuzzjonijiet, tal-valur nominali tat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti.

33. Il-qorti tar-rinviju qiegħda tindika għalhekk li d-dubji dwar il-kompatibbiltà mal-imsemmija dispożizzjonijiet tat-Trattat jirrigwardaw biss l-inklużjoni ta' ammont speċifiku fl-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali, u mhux l-ammont taxxabbli fit-totalità tiegħu.

34. Dan ma huwiex biss iddeterminat mill-kontenut letterali tad-domanda preliminari, iżda wkoll, u b'mod speċjali, mill-fatt li l-integrazzjoni tal-valur nominali tat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti fl-ammont taxxabbli tal-kontribuzzjonijiet inkwistjoni tirrappreżenta element ġdid fl-ordinament ġuridiku nazzjonali.

35. B'mod partikolari, din l-integrazzjoni tirriżulta mill-azzjoni magħquda ta' żvilupp ta' natura leġiżlattiva u ta' interpretazzjoni konsekuttiva pprovduta mill-qorti tar-rinviju. Fuq livell leġiżlattiv, il-paragun bejn il-kunsinna ta' oġġetti bi ħlas mat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti, introdotta mill-Artikolu 28a tad-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 li tissuplimenta s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u temenda d-Direttiva 77/388/KEE bil-ħsieb li tneħħi l-fruntieri fiskali [6], ġiet ittrasposta fl-ordinament Franċiż bl-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 92/677 [7]. Minn dak il-mument, il-valur nominali tat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti beda jikkontribwixxi għall-formazzjoni tad-dħul mill-bejgħ globali għall-finijiet tal-VAT.

36. Sussegwentament, il-ġurisprudenza nazzjonali stabbilixxiet li fil-fatt huwa d-dħul mill-bejgħ globali li jinsab fid-dikjarazzjoni tal-VAT, li jinkludi l-valur nominali tat-trasferimenti intra-Komunitarji, li jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont taxxabbli taċ-C3S [8]. Il-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) għalhekk iddeduċiet f'żewġ okkażjonijiet differenti li l-valur nominali tat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti huwa inkluż f'dan l-ammont, minkejja li l-istess trasferimenti minnhom infushom ma jiġġenerawx dħul mill-bejgħ [9].

37. Fil-fehma tiegħi jidher li huwa pjuttost ċar minn din l-aħħar ġurisprudenza li l-qorti tar-rinviju tixtieq tivverifika l-kompatibbiltà mal-Artikoli 28 u 30 TFUE. Fi kliem ieħor, id-dubji ta' din il-qorti jirrigwardaw il-kwalifika bħala "taxxa li għandha effett ekwivalenti" għal dazju doganali *tal-inklużjoni tal-valur nominali tat-trasferimenti intra-Komunitarji fl-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali*, u mhux *tal-ammont taxxabbli fit-totalità tiegħu*.

38. F'dan is-sens, ir-riferiment għas-sentenza SA Rousseau Wilmot (295/84, EU:C:1985:473) [10] fl-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-Kummissjoni matul il-proċedura u ppropost mill-ġdid mill-istess Kummissjoni waqt is-seduta, ma jagħmel xejn ħlief jikkonferma l-konklużjoni iktar 'il fuq.

39. Fis-sentenza SA Rousseau Wilmot, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fir-rigward tal-kompatibbiltà taċ-C3S mal-projbizzjoni tal-introduzzjoni jew iż-żamma ta' taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ prevista mill-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388 tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima [11]. Insostenn tal-konklużjoni li ċ-C3S ma għandhiex in-natura ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-fatt taxxabbli taċ-C3S jikkonsisti mill-attività tal-impriżi, li l-ammont taxxabbli tagħhom huwa d-dħul mill-bejgħ globali annwali, u għalhekk dan ma jinfluwenzax direttament il-prezz tal-oġġetti u tas-servizzi [12]. Il-Kummissjoni tiddeduċi minn dan li peress li l-kontribuzzjoni kkonċernata ma tistax titqies bħala impożizzjoni fuq il-merkanzija bħala tali,

6 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 160.

7 Loi nº 92-677 du 17 juillet 1992 portant mise en œuvre par la République française de la directive du Conseil des communautés européennes (C.E.E.) nº 91-680 complétant le système commun de la taxe sur la valeur ajoutée et modifiant, en vue de la suppression du contrôle aux frontières, la directive (C.E.E.) nº 77-388 et de la directive (C.E.E.) nº 92-12 relative au régime général, à la détention, à la circulation et au contrôle des produits soumis à accise (JORF Nru 166 tad-19 ta' Lulju 1992, p. 9700) (il-Liġi Nru 92-677 tas-17 ta' Lulju 1992 dwar l-implementazzjoni mir-Repubblika Franċiża tad-Direttiva tal-Kunsill (KEE) Nru 91/680 li tissuplimenta s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u temenda d-Direttiva 77/388/KEE bil-ħsieb li tneħħi l-fruntieri fiskali u tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti).

8 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3 ta' dawn il-konklużjonijiet.

9 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4 ta' dawn il-konklużjonijiet.

10 Sentenza tas-27 ta' Novembru 1985, Rousseau Wilmot (295/84, EU:C:1985:473).

11 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23.

12 Sentenza tas-27 ta' Novembru 1985, Rousseau Wilmot (295/84, EU:C:1985:473, punt 16).

ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni tat-taxxi li għandhom effett ekwivalenti prevista mill-Artikoli 28 u 30 TFUE. Skont il-Kummissjoni, għandha tinsilet ukoll konklużjoni identika fir-rigward tal-kontribuzzjoni addizzjonali, dejjem jekk din hija bbażata fuq l-istess ammont taxxabbli taċ-C3S.

40. Għalhekk, jidher ċar li din is-sentenza ma hijiex rilevanti għal dan il-każ, fid-dawl tal-fatt li l-ammont taxxabbli li kien is-suġġett tal-evalwazzjoni ġuridika tal-Qorti tal-Ġustizzja ma kienx jinkludi, għall-kuntrarju ta' dak inkwistjoni, il-valur nominali tat-trasferimenti intra-Komunitarji tal-merkanzija.

41. Dan il-valur fil-fatt ma setax jitqies li ġie inkluż fl-ammont taxxabbli taċ-C3S qabel ma s-sentenza Organic vs Cofiroute tal-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iċċarat li d-dħul mill-bejgħ globali rilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' dan l-ammont taxxabbli kien dak li joħroġ mid-dikjarazzjoni tal-VAT, li fil-fatt tinkludi t-trasferimenti intra-Komunitarji skont il-paragrafu III tal-Artikolu 256 tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi.

42. Peress li l-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża SA Rousseau Wilmot tmur lura għall-1987, madwar tmien snin qabel dik ta' Organic vs Cofiroute, huwa inevitabbli li jiġi konkluż li l-ammont taxxabbli taċ-C3S li kien is-suġġett tal-analiżi tal-Qorti tal-Ġustizzja f'SA Rousseau Wilmot ma kienx jinkludi l-valur nominali tat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti.

43. Minħabba din ir-raġuni, il-qorti tar-rinviju ma setgħetx tiddeduċi n-nuqqas ta' applikabbiltà tal-Artikoli 28 u 30 TFUE għall-ammont taxxabbli taċ-C3S (u tal-kontribuzzjoni addizzjonali) mill-konklużjonijiet tas-sentenza SA Rousseau Wilmot, li ngħatat dwar in-natura taċ-C3S f'mument li fih il-valur nominali tat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti ma kienx integrat fl-ammont taxxabbli tagħha.

44. B'konsegwenza ta' dan, din il-qorti tistaqsi jekk l-inklużjoni tal-valur nominali tat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti fl-ammont taxxabbli trendix l-Artikoli 28 u 30 TFUE applikabbli għall-kontribuzzjonijiet inkwistjoni u, eventwalment, twassalx għal ksur tal-imsemmija dispożizzjonijiet.

45. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tastjeni milli tkompli bir-riformulazzjoni tad-domanda preliminari li hija s-suġġett ta' din il-kawża, peress li tista' toħloq ir-riskju, fil-fehma tiegħi, li jinbidel b'mod rilevanti s-suġġett ta' din id-domanda kif ġie ddefinit mill-interpretazzjoni tal-qorti tar-rinviju.

46. Barra minn hekk infakkar li ġurisprudenza stabbilita ċċarat li l-Qorti tal-Ġustizzja, fir-risposta għad-domandi preliminari li jiġu magħmula lilha, trid tibbaża lilha nnifisha fuq l-istess interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali hekk kif tiġi pprovduta lilha mill-qorti tar-rinviju, mingħajr ma tiġi diskussa jew ivverifikata l-eżattezza tagħhom [13].

### *B. Fuq il-kompatibbiltà tal-inklużjoni tat-trasferimenti intra-Komunitarji tal-merkanzija fl-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali mal-Artikoli 28 u 30 TFUE*

47. L-ewwel nett, jeħtieġ li jingħad li l-Artikoli 28 u 30 TFUE, fir-regolamentazzjoni tal-funzjonament tal-Unjoni doganali, jipprojbixxu l-impożizzjoni, fil-kummerċ bejn l-Istati Membri, ta' dazji doganali u ta' kwalunkwe taxxa li għandha effett ekwivalenti.

13 Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Gueye (C-483/09 u C-1/10, EU:C:2011:583, punt 42), tal-15 ta' April 2010, Gala-Salvador Dalí u Visual Entidad de Gestión de Artistas Plásticos (C-518/08, EU:C:2010:191, punt 21) u tal-21 ta' Ottubru 2010, Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punt 22).

48. Dawn il-projbizzjonijiet, li jikkostitwixxu regoli fundamentali u li kwalunkwe eċċezzjoni għalihom trid tiġi prevista b'mod espliċitu kif ukoll tiġi interpretata b'mod restrittiv, huma maħsuba sabiex jiżguraw il-moviment liberu tal-merkanzija ġewwa l-Unjoni [14].

49. Fir-rigward tal-applikabbiltà tal-istess projbizzjonijiet għall-kawża inkwistjoni, wieħed għandu jifhem li jistgħu jqumu xi dubji fir-rigward tal-karattru *sui generis* taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali. Minn naħa, kif saħqet bil-qawwi l-Kummissjoni waqt is-seduta, il-fatt li l-ammont taxxabbli ta' dawn il-kontribuzzjonijiet huwa kompost mid-dħul mill-bejgħ globali tal-kumpanniji u l-impriżi suġġetti għalihom jidher li mal-ewwel daqqa ta' għajn qiegħed ibegħedhom mit-tip ta' taxxi li, b'enfasi fuq il-merkanzija bħala tali, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 28 u 30 TFUE. Madankollu, l-inklużjoni fl-ammont taxxabbli tal-valur nominali tat-trasferimenti intra-Komunitarji tal-merkanzija, jiġifieri tranżazzjonijiet li minnhom infushom ma jiġġenerawx dħul mill-bejgħ, tassimila l-kontribuzzjonijiet ikkonċernati, b'mod limitat għal dan il-komponent tal-ammont taxxabbli, ma' taxxi li, minbarra li jolqtu tranżazzjonijiet kummerċjali individwali sempliċement minħabba l-okkorrenza tagħhom, jiġu imposti fuq il-moviment tal-merkanzija skont l-Artikoli 28 u 30 TFUE.

50. Kif osservat fil-punti 32 sa 46 ta' dawn il-konklużjonijiet, is-suġġett tad-domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju huwa madankollu limitat biss għall-komponent tat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti. Għalhekk, huwa raġonevoli li wieħed jikkonkludi li dawn tal-aħħar jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *rationae materiae* tal-Artikoli 28 u 30 TFUE.

51. Kif diġà ntqal, il-Kummissjoni opponiet ruħha sew għal din il-konklużjoni waqt is-seduta. Skont din l-istituzzjoni, tkun xi tkun id-direzzjoni meħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja b'riferiment għall-impatt fuq il-moviment tal-merkanzija tal-kontribuzzjonijiet kontenzjużi, l-applikazzjoni tal-Artikoli 28 u 30 TFUE għandha tiġi eskluża. Fil-fatt, fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali jinfluwenzaw il-moviment tal-merkanzija, dawn, skont il-Kummissjoni, għandhom jiġu analizzati bħala "taxxi interni" fid-dawl tal-Artikolu 110 TFUE. Jekk dan l-impatt għall-kuntrarju ma jiġix osservat, kif tixtieq il-Kummissjoni, il-kontribuzzjonijiet aktarx li, minflok, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni ta' "restrizzjonijiet kwantitattiv[i] fuq l-esportazzjoni u kull miżura li għandha effett ekwivalenti" prevista mill-Artikolu 35 TFUE [15].

52. Huwa għalhekk meħtieġ li jsiru xi kunsiderazzjonijiet maħsuba sabiex jaċċertaw jekk uħud mid-dispożizzjonijiet indikati mill-Kummissjoni humiex applikabbli fil-kawża inkwistjoni fir-rigward tal-Artikoli 28 u 30 TFUE.

53. Fir-rigward tal-Artikolu 110 TFUE, dan jipprovdi li l-Istati Membri huma pprojbiti milli japplikaw fuq prodotti importati taxxi ogħla minn dawk imposti fuq prodotti nazzjonali simili.

54. Din il-projbizzjoni ta' taxxi interni diskriminatorji ma hijiex applikabbli b'mod kumulattiv għall-projbizzjoni tat-taxxi li għandhom effett ekwivalenti, bil-konsegwenza li miżura waħda, fis-sistema tat-Trattat, ma tistax taqa' simultanjament taħt iż-żewġ kategoriji [16].

14 Dwar in-natura tar-regoli fundamentali ara, pereżempju, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 1969, Il-Kummissjoni vs L-Italja (24/68, EU:C:1969:29, punt 10). Fir-rigward tal-obbligu li kwalunkwe eċċezzjoni għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv, ara fl-aħħar nett, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 1998, KappAhl (C-233/97, EU:C:1998:585, punt 18).

15 Jidhirli li dan huwa l-veru sens tal-argument tal-Kummissjoni, u li r-riferiment li sar minnha għall-klassifikazzjoni ta' taxxi indiretti (li tkun tinkludi l-applikabbiltà tal-Artikolu 110 TFUE) jew diretti (li aktarx tkun tinkludi l-applikabbiltà tal-Artikolu 35 TFUE) taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali sar biss għall-ħtieġa li tingħata risposta għal domandi speċifiċi magħmula f'tali termini mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fir-rigward tan-nuqqas ta' rilevanza tad-distinzjoni bejn taxxi diretti u taxxi indiretti fil-kawża inkwistjoni, ara l-punti 78-83 ta' dawn il-konklużjonijiet.

16 Sentenza tat-2 ta' Ottubru 2014, Orgacom (C-254/13, EU:C:2014:2251, punt 20) u tat-8 ta' Novembru 2007, Stadtgemeinde Frohnleiten u Gemeindebetriebe Frohnleiten (C-221/06, EU:C:2007:657, punt 26).

55. Li jiddistingwi ż-żewġ kategoriji huwa, skont ġurisprudenza stabbilita, il-fatt li taxxa interna tolqot biss il-prodott li jaqsam il-fruntiera bħala tali, waqt li taxxa li għandha effett ekwivalenti tolqot kemm prodotti importati, esportati kif ukoll dawk nazzjonali [17].

56. F'dan ir-rigward, jekk jitqies li l-evalwazzjoni mitluba mill-qorti tar-rinviju tirrigwarda biss it-trasferiment ta' oġġetti bħala tranżazzjoni kummerċjali speċifika rrilaxxata mill-bejgħ futur potenzjali tagħha, jeħtieġ li jiġi osservat li t-trasferimenti intra-Komunitarji biss huma milquta miċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali skont il-leġiżlazzjoni Franċiża [18], filwaqt li t-trasferimenti mwettqa fit-territorju nazzjonali huma eżentati.

57. Minn dan jirriżutlta li l-Artikolu 110 TFUE ma jistax jiġi applikat għall-kawża inkwistjoni.

58. L-istess konklużjoni fin-negattiv tirriżulta fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikolu 35 TFUE.

59. Din id-dispożizzjoni tipprojbixxi r-restrizzjoni kwantitattiva għall-esportazzjoni u kwalunkwe miżura li għandha effett ekwivalenti bejn l-Istati Membri, b'mod simetriku għall-projbizzjoni analoga prevista mill-Artikolu 34 TFUE b'riferiment għall-importazzjonijiet.

60. Fir-rigward tal-Artikolu 34 TFUE, il-ġurisprudenza ċċarat mingħajr dubji li l-projbizzjoni tal-miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi għall-importazzjoni tikkostitwixxi *lex generalis* meta mqabbla ma' dispożizzjonijiet speċifiċi oħra tat-Trattat fosthom, b'mod partikolari, dawk marbuta mat-taxxi li għandhom effett ekwivalenti. Minħabba f'hekk, l-Artikolu 34 TFUE japplika b'mod alternattiv fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet [19]. Fil-fehma tiegħi, ma għandi l-ebda dubju li din il-ġurisprudenza hija applikabbli anki għall-Artikolu 35 TFUE. Għalhekk, fejn jirriżultaw il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikoli 28 u 30 TFUE, huma dawn tal-aħħar li għandhom jiġu applikati u mhux l-Artikolu 35 TFUE.

61. Ma hemm ebda dubju li dawn il-kundizzjonijiet jirriżultaw fil-kawża inkwistjoni, kif jidher fil-punti 47 sa 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

62. Għalhekk, l-inklużjoni tal-valur tat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti fl-ammont taxxabbli tal-kontribuzzjonijiet kontenzjużi trid tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikoli 28 u 30 TFUE.

63. B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk it-taxxa taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali fuq it-tranżazzjonijiet ta' trasferiment ta' oġġetti lejn Stati Membri oħra tistax tiġi kklassifikata bħala taxxa li għandha effett ekwivalenti u għalhekk għandhiex titqies li sseħħ bi ksur tal-imsemmija dispożizzjonijiet tat-Trattat.

64. Kif inhu magħruf, il-kunċett ta' "taxxa li għandha effett ekwivalenti" tagħmel manifest l-intenzjoni tal-awturi tat-Trattat li ma jipprojbixxux biss il-provvisti li għandhom karattru formalment doganali, iżda wkoll dawk kollha li, minkejja li huma ddenominati b'mod differenti, jispiccaw ikollhom l-istess effetti tad-dazji doganali [20].

17 Ara s-sentenzi tal-21 ta' Settembru 2000, Michaïlidis (C-441/98 u C-442/98, EU:C:2000:479, punt 22), u tat-22 ta' April 1999, CRT France International (C-109/98, EU:C:1999:199, punt 11).

18 Huwa minnu li dan l-effett aktarx li huwa prodott mill-ġurisprudenza tal-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) kif spiss deher f'dawn il-konklużjonijiet. Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja l-portata tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi nazzjonali għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-interpretazzjoni li tingħata lilhom mill-qrati nazzjonali. F'dan is-sens, ara, pereżempju, is-sentenzi tas-16 ta' Settembru 2015, Il-Kummissjoni vs Is-Slovakkja (C-433/13, EU:C:2015:602, punt 81) u tat-18 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-490/04, EU:C:2007:430, punt 49).

19 Sentenza tat-22 ta' Marzu 1977, Iannelli u Volpi (74/76, EU:C:1977:51, punt 9), tas-16 ta' Diċembru 1992, Lornoy *et* (C-17/91, EU:C:1992:514, punt 14) u tas-17 ta' Ġunju 2003, De Danske Bilimportører (C-383/01, EU:C:2003:352, punt 30).

20 Ara s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1962, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu u Il-Belġju (2/62 u 3/62, EU:C:1962:45, p. 805).

65. L-iktar ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja identifikat dan il-kunċett bħala "kull tariffa pekunjarja, anki jekk minima, imposta unilateralment, irrispettivament mit-titolu tagħha u mit-teknika tagħha, u li tolqot il-merkanziji minħabba l-fatt li tinqasam il-fruntiera, meta ma hijiex dazju doganali fil-veru sens tal-kelma"[21].

66. Biex nibdew, iċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali marbuta mat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti huma bla dubju "tariffi pekunjarji" mill-mument li magħhom iġibu żieda tal-ammont ta' flus li jrid jitħallas annwalment lill-korp inkarigat mill-ġbir, jiġifieri ċ-CNRSI.

67. Għaldaqstant huwa ċar li dawn il-kontribuzzjonijiet huma "imposti b'mod unilaterali" mill-Istat Franċiż, peress li huma attribwibbli għal ġurisprudenza interpretattiva tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

68. Fl-aħħar nett, dawn il-kontribuzzjonijiet jolqtu biss it-trasferimenti ta' merkanzija li tkun sejra lejn Stati Membri oħra, waqt li għall-kuntrarju ma jaffettwawx it-trasferimenti mwettqa fit-territorju Franċiż. Konsegwentement dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jitħallsu minħabba li tinqasam il-fruntiera.

69. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jiġi konkluż li ċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali marbuta mat-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti jikkostitwixxu taxxi li għandhom effett ekwivalenti għal dazji doganali, ipprojbiti mill-Artikoli 28 u 30 TFUE.

70. Madankollu huwa tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti żewġ eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni ta' taxxi li għandhom effett ekwivalenti. L-ewwel eċċezzjoni tapplika meta t-taxxa inkwistjoni tikkostitwixxi ħlas ta' servizz speċifiku, effettivament ipprovdut lil operatur ekonomiku individwali u b'ammont proporzjonat għas-servizz innifsu[22], waqt li t-tieni tapplika meta, taħt kundizzjonijiet prestabbiliti, it-taxxa tinġabar biex jiġu osservati l-obbligi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja[23].

71. Mill-fajl tal-kawża joħroġ b'mod ċar li l-parti taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali li tirrigwarda t-trasferimenti intra-Komunitarji ta' oġġetti ma tidħol f'ebda waħda mill-imsemmija eċċezzjonijiet. Qabel kollox, din il-parti, peress li hija maħsuba sabiex tiffinanzja fuq bażi ta' *pro quota* l-Fond ta' Solidarjetà għall-Irtirar u l-Fond ta' Riżerva għall-pensjonijiet (fil-każ taċ-C3S) u l-Fond Nazzjonali tal-Assigurazzjoni Sanitarja tal-Ħaddiema Impjegati (fil-każ tal-kontribuzzjoni addizzjonali), ma tikkostitwixxix ħlas ta' benefiċċju, li jammonta b'mod proporzjonali għas-servizz imwettaq għall-vantaġġ tal-kumpanniji u l-impriżi suġġetti għall-pagamanet tagħha. Barra minn hekk, din il-parti bla dubju ma hijiex dovuta fl-ambitu tal-kontrolli mwettqa għall-finijiet ta' konformità mal-obbligi li jirriżultaw mir-regoli tad-dritt tal-Unjoni.

### *C. Fuq il-kompatibbiltà mal-moviment liberu tal-merkanzija tal-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali fit-totalità tiegħu*

72. Sussidjarjament, biħsiebni nanalizza l-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li huwa xieraq li tirriformula d-domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju b'tali mod li tiġi estiża l-portata tagħha għall-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali, jiġifieri d-dħul mill-bejgħ globali annwali tal-kumpanniji u l-impriżi suġġetti għall-pagament tal-istess kontribuzzjonijiet, fit-totalità tagħha.

21 Sentenza tat-2 ta' Ottubru 2014, Orgacom (C-254/13, EU:C:2014:2251, punt 23).

22 Ara, *inter alia*, is-sentenzi tad-9 ta' Settembru 2004, Carbonati Apuani (C-72/03, EU:C:2004:506, punt 31), u tat-22 ta' April 1999, CRT France International (C-109/98, EU:C:1999:199, punt 17).

23 Ara s-sentenzi tas-7 ta' Lulju 1994, Lamaire (C-130/93, EU:C:1994:281, punt 14), u tas-27 ta' Settembru 1988, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (18/87, EU:C:1988:453, punt 6).

73. Qabel kollox din ir-riformulazzjoni timponi analiżi bir-reqqa tal-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat fir-rigward tal-moviment liberu tal-merkanzija għall-kontribuzzjonijiet inkwistjoni. Fil-fatt, kif diġà ġie osservat, iċ-ċirkustanza li ċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali jolqtu d-dħul mill-bejgħ globali annwali tbegħedhom, bħala prinċipju, mit-tip ta' taxxi li jiġu imposti fuq il-moviment tal-merkanzija.

74. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni, fid-dawl tal-portata tad-domanda kif inhi ddefinita fil-punti preċedenti, it-tnejn sostnew li d-dispożizzjoni li l-applikabbiltà tagħha teħtieġ li tiġi vverifikata fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet inkwistjoni hija l-Artikolu 110 TFUE, u mhux l-Artikoli 28 u 30 TFUE. Ladarba nqis li din l-osservazzjoni hija *prima facie* korretta, għal raġunijiet li ser niċċara iktar 'il quddiem, ser nikkonċentra l-analiżi tiegħi fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 110 TFUE għaċ-C3S u għall-kontribuzzjoni addizzjonali.

75. Huwa tajjeb li wieħed jiftakar li l-Artikolu 110 TFUE jipprevedi l-projbizzjoni għall-Istati Membri li japplikaw fuq prodotti importati taxxi ogħla minn dawk imposti fuq prodotti nazzjonali simili.

76. Il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni jopponu għall-applikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni minħabba l-fatt li ċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali jidħlu fil-kunċett ta' "taxxi diretti"[24]. It-"taxxi indiretti" biss, skont dawn il-partijiet, jistgħu jostakolaw il-moviment liberu tal-merkanzija.

77. Ma naqbilx ma' din il-konklużjoni.

78. Fil-fatt ma nqisx li d-distinzjoni bejn taxxi diretti u indiretti jista' jkollha xi rilevanza għall-finijiet tad-delimitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 110 TFUE.

79. F'dan ir-rigward, qabel kollox nixtieq nibda billi ngħid li meta l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali tat-taxxi diretti mal-libertajiet fundamentali, hija kkonkludiet b'mod konsistenti li, filwaqt li huwa minnu li t-taxxi diretti jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, madankollu dawn tal-aħħar għandhom iwettqu l-kompetenzi tagħhom konformement mad-dritt tal-Unjoni[25].

80. Jekk il-miżuri tat-taxxi diretti adottati mill-Istati Membri ma jevitawx, bħala regola ġenerali, l-applikazzjoni tal-libertajiet fundamentali, inqis bħala koerenti l-fatt li jiġi eskluż li l-miżuri msemmija jistgħu jaqgħu 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-moviment liberu tal-merkanzija.

81. Mill-bqija, ma huwiex diffiċli biex wieħed jimmaġina li Stat Membru jista' jippreferi l-prodotti nazzjonali permezz ta' sistema ta' taxxi fuq id-dħul li tkun, fil-verità, impożizzjoni ikbar għall-impriżi li jesportaw milli għal dawk li biħsiebhom ibigħu l-prodotti tagħhom ġewwa t-territorju nazzjonali.

24 F'dan il-każ, skont il-Kummissjoni, jeħtieġ li tiġi eżaminata l-applikabbiltà tal-Artikolu 35 TFUE għall-każ inkwistjoni. Ara l-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet.

25 Ara, *inter alia*, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-153/08, EU:C:2009:618, punt 28), tat-18 ta' Lulju 2007, Lakebrink u Peters-Lakebrink (C-182/06, EU:C:2007:452, punt 14), tal-14 ta' Diċembru 2006, Denkavit Internationaal u Denkavit France (C-170/05, EU:C:2006:783, punt 19), tat-23 ta' Frar 2006, Keller Holding (C-471/04, EU:C:2006:143, punt 28). F'dan ir-rigward, anki jekk b'riferiment għal regola tad-dritt sekondarju tal-implementazzjoni tal-prinċipju ta' moviment liberu tal-ħaddiema, ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali La Pergola fil-kawża Il-Kummissjoni vs Franza (C-34/98 u C-169/98, EU:C:1999:392, punt 19).

82. Fi kwalunkwe każ, nixtieq infakkar li, peress li l-kunċett ta' taxxa diretta hija nieqsa minn definizzjoni fid-dritt tal-Unjoni, l-adozzjoni ta' kriterju bbażat fuq id-distinzjoni bejn taxxi diretti u taxxi indiretti għandha tkun ibbażata fuq il-klassifikazzjoni maħduma fuq livell nazzjonali. F'dan ir-rigward, huwa magħruf li dawn il-klassifikazzjonijiet ma humiex rilevanti, inkella l-Istati Membri jkunu jistgħu jevitaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni [26].

83. Għalhekk inqis li l-klassifikazzjoni taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali bħala taxxa diretta jew indiretta ma tikkostitwixxix kriterju rilevanti għall-finijiet li jiġi kkonstatat jekk dawn il-kontribuzzjonijiet jiġux imposti fuq il-merkanzija bħala tali għall-finijiet li jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 110 TFUE għandux jiġi applikat għall-kawża kkonċernata.

84. Għall-kuntrarju, jidhirli li l-kriterju mfittex jista' jirriżulta mill-ġurisprudenza l-iktar reċenti, u b'mod speċjali mid-deċiżjonijiet li ċċaraw ir-*ratio* tal-projbizzjoni tat-taxxi interni diskriminatorji prevista mill-Artikolu 110 TFUE.

85. Qiegħed nirreferi b'mod partikolari għas-sentenza Schöttle (20/76, EU:C:1977:26) [27]. Meta ġiet mistoqsija dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 95 KEE (issa l-Artikolu 110 TFUE) għal taxxa fuq l-attività tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, il-Qorti tal-Ġustizzja qabel kollox fakkret li l-għan tal-imsemmija dispożizzjoni huwa li telimina r-restrizzjonijiet *moħbija* [28] għall-moviment liberu tal-merkanzija li jistgħu jirriżultaw mir-regoli fiskali ta' Stat Membru u li, b'kunsiderazzjoni tal-istruttura ġenerali u tal-għanijiet tagħha, il-kunċett ta' taxxa imposta fuq prodott tiġi interpretata *f'sens wiesa'* [29]. Abbażi ta' dawn il-kundizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-*ratio* stess tal-Artikolu 110 TFUE jeħtieġ li tiġi applikata fuq taxxa bħal dik inkwistjoni dejjem jekk "taffettwa immedjatament il-prezz tal-prodott nazzjonali u ta' dak importat" [30].

86. Skont kif ġie ddikjarat iktar reċentement mill-Avukat Ġenerali Sharpston, din is-sentenza stabbilixxiet il-prinċipju li "taxxa fuq attivitajiet li jinvolvu prodotti taqa' taħt l-Artikolu 90 (issa l-Artikolu 110 TFUE) biss fejn ikollha effett immedjat fuq il-prezz tagħhom" [31].

87. Minn dan il-prinċipju jirriżulta għalhekk li l-evalwazzjoni marbuta mal-applikabbiltà tal-Artikolu 110 TFUE teskludi mill-kwistjoni sempliċement formali jekk il-kriterji sottostanti tal-applikazzjoni tat-taxxa kkonċernata jirrigwardawx attività jew prodott, iżda għall-kuntrarju titlob li jiġi vverifikat jekk din it-taxxa għandhiex l-*effett* li żżid il-prezz tal-ispiża tal-prodotti nazzjonali u ta' dawk importati jew esportati. Jekk dan l-effett jeżisti, huwa inevitabbli li jiġi konkluż li t-taxxa inkwistjoni tiġi imposta fuq il-merkanzija u għalhekk hija suġġetta għall-projbizzjoni tat-taxxi interni diskriminatorji msemmija fl-Artikolu 110 TFUE.

26 Barra minn hekk, anki jekk jixtiequ jirrikonoxxu funzjoni orjentattiva, għall-klassifikazzjoni nazzjonali mħaddma mid-dritt Franċiż, għall-finijiet tad-determinazzjoni tan-natura taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali, jeħtieġ li jiġi osservat li n-natura tal-klassifikazzjonijiet imsemmija tirriżulta anki fid-dritt nazzjonali li hija kollox ħlief paċifika, kif irrikonoxxuta minn xi partijiet fis-seduta. Filwaqt li l-Conseil constitutionnel (il-Kunsill Kostituzzjonali) sostna li din tittratta ġbir obbligatorju li ma għandux il-forma ta' kontribuzzjoni soċjali u lanqas dik ta' taxxa parafiskali, iżda li jikkostitwixxi "taxxa ta' kwalunkwe natura", skont l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni (Deċiżjoni Nru 91-302 DC, tat-30 ta' Diċembru 1991, premessa Nru 12), il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) min-naħa tagħha ddikjarat li din tittratta kontribuzzjoni soċjali, fir-rigward tad-destinazzjoni esklużiva tagħha għall-finanzjament ta' reġimi tas-sigurtà soċjali (ara, pereżempju, Awla Ċivili Nru 2, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2002, Nru 00-17675, u tal-14 ta' Jannar 2010, Nru 09-11284).

27 Sentenza tas-16 ta' Frar 1977, Schöttle (20/76, EU:C:1977:26).

28 Enfasi miżjuda minni.

29 Enfasi miżjuda minni.

30 *Ibidem*, punt 15.

31 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Stadtgemeinde Frohnleiten u Gemeindebetriebe Frohnleiten (C-221/06, EU:C:2007:372, punt 36).

88. Jekk wieħed japplika l-prinċipju inkwistjoni għal din il-kawża, ikun meħtieġ li jiġi vverifikat jekk iċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali, minkejja li formalment jiġu imposti fuq id-dħul mill-bejgħ globali tal-impriżi u l-kumpanniji suġġetti għalihom, għandhom l-effett, permezz tal-mekkaniżmu ekonomiku tal-ġbir, li jżidu l-prezz tal-ispiża tal-oġġetti mibjugħa fit-territorju Franċiż u ta' dawk ittrasferiti lejn Stati Membri oħra.

89. Fir-rigward tal-oġġetti mibjugħa fit-territorju Franċiż, huwa xieraq li wieħed jassumi li l-ammont taċ-C3S (0.13 %) u tal-kontribuzzjoni addizzjonali (0.03 %) jinġabar debitament mill-kumpanniji u l-impriżi suġġetti għal dawn il-kontribuzzjonijiet fil-prezzijiet tal-ispiża tal-oġġetti nfushom. Kunsiderazzjoni identika tgħodd ukoll għall-oġġetti ttrasferiti lejn Stati Membri oħra li għaliha huwa xieraq li wieħed jassumi li l-ammont tal-kontribuzzjonijiet ikun rifless fil-valur nominali tal-oġġetti suġġett ta' kull trasferiment [32]. L-effett tat-tassazzjoni taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali huwa għalhekk dak li jżid il-prezz tal-ispiża taż-żewġ kategoriji tal-merkanzija.

90. Minn dan isegwi li, kieku kellha tiġi estiża l-portata ta' din id-domanda preliminari għat-totalità kollha tal-ammont taxxabbli taċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali, fil-fehma tiegħi, dawn ikollhom jitqiesu bħala ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija.

91. B'mod iktar partikolari, dejjem jekk dawn fl-istess ħin jolqtu merkanzija mibjugħa fit-territorju Franċiż u merkanzija esportata lejn Stati Membri oħra, dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jaqgħu bħala prinċipju fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 110 TFUE [33].

92. Fuq dan ir-rigward, irrid madankollu nfakkar li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li oneru fiskali jikkonsisti "taxxa interna" fis-sens tal-Artikolu 110 TFUE, b'tali mod li b'hekk jaħrab mill-klassifikazzjoni bħala taxxa li għandha effett ekwivalenti skont l-Artikoli 28 u 30 TFUE, biss jekk dan jidħol mill-ġdid f'sistema ġenerali ta' taxxi interni li jiġu imposti b'mod sistematiku fuq kategoriji ta' prodotti skont kriterji oġġettivi li japplikaw b'mod indipendenti mill-oriġini u mid-destinazzjoni tal-prodotti [34].

93. Għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni, jista' jkun li l-ewwel nett jeħtieġ li wieħed jikkunsidra d-destinazzjoni tad-dħul tat-taxxa. Fil-fatt jekk dan id-dħul ikun maħsub sabiex jiffinanzja attività li minnha jibbenefikaw b'mod speċifiku l-prodotti kkummerċjalizzati fit-territorju nazzjonali, it-taxxa inkwistjoni tkun tikkonsisti f'taxxa li għandha effett ekwivalenti, dejjem jekk l-oneru fiskali impost fuq dawn il-prodotti jkun kollu kemm hu nnewtralizzat minn benefiċċji ffinanzjati permezz tiegħu, filwaqt li dak imposta fuq prodotti esportati jkun jirrappreżenta oneru nett [35].

94. Madankollu din is-sitwazzjoni ma sseħħx f'din il-kawża. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 651-1 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali fil-fatt jistabbilixxi li d-dħul taċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali huwa maħsub sabiex jiffinanzja l-baġit tal-korpi mwaqqfa favur il-ħaddiema impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom, jiġifieri r-RSI, il-Fond ta' Solidarjetà għall-Irtirar, il-Fond ta' Riżerva għall-Pensjonijiet u l-Fond Nazzjonali ta' Assigurazzjoni tal-Mard tal-Ħaddiema Impjegati. Għalhekk, kif diġà ntwera mill-Gvern Franċiż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, is-servizzi pprovduti mill-korpi msemmija ma jinbidlux skont x'jiksbu mit-trasferimenti tal-merkanzija fit-territorju Franċiż jew lejn Stati Membri oħra l-kumpanniji u l-impriżi responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet.

32 Dawn il-valuri huma kkwantifikati individwalment mill-kumpanniji u l-impriżi kkonċernati għall-finijiet kemm tal-inklużjoni tagħhom fl-intestatura 6 tad-dikjarazzjoni tal-VAT, fejn flimkien jikkontribwixxu għall-bejgħ nazzjonali li jifformaw l-ammont totali tal-"Kunsinni intra-Komunitarji", kif ukoll tal-komunikazzjoni tagħhom lill-amministrazzjoni għal raġunijiet fiskali u statistiċi fid-Déclaration d'échanges de biens entre États membres de la Communauté européenne (id-Dikjarazzjoni tal-iskambji tal-oġġetti bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea).

33 Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 Sentenzi tat-23 ta' April 2002, Nygård (C-234/99, EU:C:2002:244, punt 21) u tat-8 ta' Ġunju 2006, Koornstra (C-517/04, EU:C:2006:375, punt 16).

35 Sentenza tat-23 ta' April 2002, Nygård (C-234/99, EU:C:2002:244, punt 22) u tat-8 ta' Ġunju 2006, Koornstra (C-517/04, EU:C:2006:375, punt 18).

95. It-tieni nett, l-evalwazzjoni msemmija fil-punt 93 titlob li tiġi vverifikata, skont is-sentenza Denkavit (132/78, EU:C:1979:139), jekk l-oneru fiskali jolqotx il-prodotti nazzjonali kkummerċjalizzati fis-suq nazzjonali u l-prodotti esportati bħala tali fl-istess stadju kummerċjali u l-fatt taxxabbli tal-istess oneru huwiex identiku għaż-żewġ kategoriji tal-prodotti [36]. F'każ li jseħħ il-kuntrarju, it-taxxa kkonċernata jkollha tiġi kkwalifikata mill-ġdid bħala taxxa li għandha effett ekwivalenti.

96. F'dan ir-rigward, huwa utli jekk wieħed isostni li l-ġurisprudenza sussegwenti tidher li qiegħda tistabbilixxi li l-identità tal-fatt taxxabbli tkun "assorbita" miċ-ċirkustanza li prodotti nazzjonali u esportati jiġu ntaxxati fl-istess stadju kummerċjali [37]. Fid-dawl ta' dan, ser nillimita ruħi sabiex nikkonstata jekk il-fatt li l-prodotti ttrasferiti lejn Stati Membri oħra jkunu milquta miċ-C3S u mill-kontribuzzjoni addizzjonali fl-istess mument tat-trasferiment, filwaqt li l-prodotti ttrasferiti fit-territorju nazzjonali jkunu milquta biss mill-istess kontribuzzjonijiet fil-mument tal-bejgħ ifissirx li l-kontribuzzjonijiet imsemmija ma japplikawx għaż-żewġ kategoriji ta' prodotti "fl-istess stadju kummerċjali".

97. Dan l-aħħar kunċett kien is-suġġett ta' interpretazzjoni estensiva tal-Qorti tal-Ġustizzja, fejn ippreferiet ir-realtà ekonomika minn dik li hemm fid-dehra [38]. Pereżempju fis-sentenza Nygård (C-234/99, EU:C:2002:244), il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li taxxa dovuta fil-mument tal-kunsinna għat-tbiċċir tal-ħnieżer maħsuba għat-tbiċċir fis-suq nazzjonali u fil-mument tal-esportazzjoni tal-ħnieżer esportati fi stat ta' annimal ħaj kellha titqies li ġiet applikata fl-istess stadju kummerċjali, peress li ż-żewġ tranżazzjonijiet kienu twettqu bil-ħsieb li l-ħnieżer ma jibqgħux fil-produzzjoni nazzjonali [39]. Bl-istess mod, taxxi bħaċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali, li huma dovuti fil-mument tat-trasferiment għall-oġġetti ttrasferiti lejn Stati Membri oħra u fil-mument tal-bejgħ għal dawk ittrasferiti fit-territorju nazzjonali, ma jidhrux li japplikaw għal żewġ stadji kummerċjali differenti. Fil-fatt jidher tassew diffiċli ħafna li jiġi affermat li l-bejgħ u t-trasferiment bil-għan tal-bejgħ ma jappartjenux għall-istess fażi kummerċjali.

98. Fl-aħħar nett, fil-mument li l-portata ta' din id-domanda preliminari kellha tiġi estiża għat-totalità tal-ammont taxxabbli taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali, dawn ikunu jikkostitwixxu "taxxi interni" skont l-Artikolu 110 TFUE.

99. Il-kwistjoni jekk dawn jiġux imposti fuq oġġetti li huma s-suġġett ta' trasferiment intra-Komunitarju fi kwantità ikbar minn oġġetti ttrasferiti fit-territorju nazzjonali, sabiex b'hekk joħolqu ksur tal-imsemmija dispożizzjoni, aktarx għandha tiġi riżolta fis-sens in-negattiv. Fil-fatt, il-prezz tax-xiri (jew il-prezz tal-ispiża), li jifforma l-ammont taxxabbli tal-merkanzija suġġetta għat-trasferiment intra-Komunitarju skont l-Artikolu 76 tad-Direttiva dwar il-VAT, huwa bħala prinċipju inqas mill-prezz tal-bejgħ, li jikkostitwixxi l-ammont taxxabbli tal-oġġetti ttrasferiti fi ħdan it-territorju nazzjonali. Madankollu hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk din is-suppożizzjoni hijiex korretta.

36 Ara s-sentenza tal-31 ta' Mejju 1979, Denkavit Loire (132/78, EU:C:1979:139, p. 1923).

37 Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 1992, Sanders Adour u Guyomarc'h Orthez Nutrition Animale (C-149/91 u C-150/91, EU:C:1992:261, punt 18), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet dan li ġej: "Fir-rigward tal-obbligu li jirrigwarda l-identità tal-fatt taxxabbli tat-taxxa, jeħtieġ li jiġi ppreċiżat li f'każ bħal dan, ma tistax tiġi identifikata differenza fil-fatt li l-prodott importat jiġi ntaxxat fil-mument tal-importazzjoni u l-prodott nazzjonali jiġi ntaxxat fil-mument tal-kunsinna tiegħu lil partijiet terzi jew tal-użu tiegħu, peress li fir-realtà ekonomika l-fażi tal-bejgħ hija l-istess minħabba li ż-żewġ tranżazzjonijiet jitwettqu għall-użu tal-prodott". Din l-interpretazzjoni ġiet imbagħad ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tat-2 ta' April 1998, Outokumpu (C-213/96, EU:C:1998:155, punt 25) u tat-23 ta' April 2002, Nygård (C-234/99, EU:C:2002:244, punt 25). Fuq dan il-punt, ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Outokumpu (C-213/96, EU:C:1997:540, punt 35).

38 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo fil-kawża Nygård (C-234/99, EU:C:2001:260, punt 30).

39 Sentenza tat-23 ta' April 2002, Nygård (C-234/99, EU:C:2002:244, punt 30).

100. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, indikat żewġ każijiet fejn iċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali jistgħu jkunu ta' ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija punibbli taħt l-Artikolu 110 TFUE. L-ewwel każ huwa dak fejn il-leġiżlazzjoni Franċiża ma tipprevedix dritt għal tnaqqis tal-ammont taxxabbli tal-kontribuzzjonijiet tal-valur tal-oġġetti ttrasferiti lejn Stat Membru ieħor li baqgħu ma nbigħux u ġew ittrasferiti mill-ġdid lejn Franza, waqt li t-tieni huwa dak fejn l-oġġetti ttrasferiti lejn Stat Membru ieħor ikunu ngħaddu għat-tieni darba fl-ammont taxxabbli fil-mument li twettaq il-bejgħ.

101. Fl-ewwel każ, sakemm id-dritt nazzjonali ma joffri l-ebda rimedju effettiv ieħor biex jiġu rkuprati l-ammonti mħallsa għaċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali marbuta mal-oġġetti li ma ġewx mibjugħa [40], inqis li l-kontribuzzjonijiet marbuta mat-trasferimenti intra-Komunitarji, irrilaxxati mill-bejgħ futur tal-oġġetti kkonċernati, ikollhom jitħallsu minħabba s-sempliċi qsim tal-fruntiera. Konsegwentement, il-kontribuzzjonijiet iridu jiġu eżaminati fid-dawl tal-projbizzjoni ta' taxxi li għandhom effett ekwivalenti msemmija fl-Artikoli 28 u 30 TFUE.

102. Fit-tieni każ, jien tal-fehma li, minħabba l-fatt li l-oġġetti ttrasferiti lejn Stati Membri oħra aktarx jintlaqtu darbtejn mill-kontribuzzjonijiet inkwistjoni (fuq il-livell tat-trasferiment u tal-bejgħ) waqt li dawk ittrasferiti fit-territorju nazzjonali aktarx li jkunu suġġetti darba biss (fuq il-livell tal-bejgħ), iċ-C3S u l-kontribuzzjoni addizzjonali marbuta mat-trasferimenti intra-Komunitarji għandhom jidħlu b'mod ugwali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 28 u 30 TFUE, kif diġà ġie osservat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ fejn għall-prodotti importati biss jeżistu żewġ fatti taxxabbli tat-taxxa [41].

103. Fiż-żewġ każijiet, li l-analiżi tagħhom hija f'idejn il-qorti tar-rinviju, il-kompatibbiltà mal-Artikoli 28 u 30 TFUE għandha tiġi evalwata b'riferiment għall-kunsiderazzjonijiet żviluppati fil-punti 62-69 ta' dawn il-konklużjonijiet.

## IV. Konklużjoni

104. B'hekk, għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mill-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza):

"L-Artikoli 28 u 30 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li l-valur tal-oġġetti ttrasferiti minn Franza lejn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, minn jew f'isem persuna suġġetta għall-kontribuzzjoni soċjali ta' solidarjetà tal-kumpanniji u għall-kontribuzzjoni addizzjonali għaliha, għall-ħtiġijiet tal-impriża tagħha, kif previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija fil-kawża prinċipali, jittieħed inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tad-dħul mill-bejgħ globali li jikkostitwixxi l-bażi għall-kalkolu ta' dawn il-kontribuzzjonijiet".

i — Fil-punti 2, 8 sa 10, 14, 29, 32, 34 sa 37, 40, 42 sa 44, 49, 89, 94 u fin-nota ta'qiegħ il-paġna 40 ta' dan it-test saret modifika ta' natura lingwistika, wara li li kien tqiegħed online għal-ewwel darba.

40 Fis-seduta, il-Gvern Franċiż indika li rimbors ekwivalenti għall-valur nominali tal-oġġetti li ma nbigħux jista' jinkiseb permezz tat-tressiq ta' talba prevista mill-Artikolu L243-6 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali, li jirregola l-proċedura ġenerali ta' rimbors tal-kontribuzzjonijiet soċjali u l-benefiċċji familjari "imħallsa indebitament" ("indûment versées"). F'dan ir-rigward, il-Gvern Franċiż ammetta li din il-proċedura ntużat f'okkażjoni waħda biss u li din il-pretenzjoni ġiet abbandunata mill-impriża inkwistjoni fil-mument li fih l-amministrazzjoni talbet id-dokumenti ta' sostenn relatati. Fil-konfront ta' din l-ammissjoni min-naħa tal-Gvern Franċiż, niddubita kemm il-fatt li l-Artikolu L243-6 jista' jiggarantixxi possibbiltà effettiva ta' rimbors taċ-C3S u tal-kontribuzzjoni addizzjonali jekk l-oġġetti ttrasferiti lejn Stat Membru ieħor ikunu baqgħu ma nbigħux.

41 Ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 1997, Fricarnes (C-28/96, EU:C:1997:412, punt 28).